**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 16 ta' Dicembru 2020**

**Rikors Numru: 248/2014 MLF**

**Andreana Debattista**

**vs**

**Studio 7 Productions Limited**

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors tal-attrici fejn talbet li din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallasha is-somma ta' disghat elef tmien mija w sbatax-il Euro u sittin centezmu (€9,817.60c), in konnessjoni mal-ftehim ta' bejniethom tad-9 ta' Lulju 2013.

   Bl-imghax legali mill-prezentata tar-rikors sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-ittra legali tal-15 ta' April 2014, kontra s-socjeta' intimata.

2. Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta li permezz taghha eccepiet:

   i. Illi, qabel xen, ir-rikorrenti ghandha tipprova l-ezistenza tal-ftehim datat 9 ta Lulju, 2013.

ii. Illi, minghajr ebda pregudizzju u subordinatament ghas-suespost, is-socjeta' intimata qatt ma ivvinkolat ruhha li thallas xi somma lir-rikorrenti gratwitament u dana kif ser jigi pruvat fil-kors tal-kawza u kwindi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha.

iii. Illi minghajr ebda pregudizzju u subordinatament ghas-suespost, ir-rikorrenti ma tat l-ebda servizzi lis-socjeta' intimata u dana kif ser jigi pruvat fil-kors tal-kawza u kwindi it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha.

iv. Illi, minghajr ebda pregudizzju u subordinatament, l-ammont reklamat mir-rikorrenti m'huwiex dovut mis-socjeta' intimata u dana stante illi s-socjeta' intimata kienet f'impossibilita' illi taqdi l-obbligi taghha a tenur tal-allegat ftehim u dana kif ser jigi provat fil-kors tal-kawza u kwindi it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha.

v. Illi, minghajr pregudizziu u subordinatament, l-hlas tas-somma reklamata lill-intimata ikun jikkostitwixxi arrikkiment indebitu lir-rikorrenti u dana stante illi r-rikorrenti ma forniet ebda servizz lis-socjeta' intimata u dana kif ser jigi ippruvat fil-kors tal-kawza u kwindi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha.

3. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha pprezentati.

4. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet u t-trattazzjoni orali finali tal-avukati difensuri taghhom;

**Il-Fatti**

5. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

i. F'xi zmien qabel Mejju tas-sena 2013, Timothy Bartolo Parnis ghan-nom tas-socjeta' konvenuta kien avvicina lill-attrici u infurmaha dwar l-interess tas-socjeta' konvenuta

fis-servizzi tal-attrici bhala prezentatrici ta' lotterija li kellha ssir *online* mill- kumpanija Yggdrasil Gaming Limited li kienet klijenta tas-socjeta' konvenuta.[1]

ii. Dak iz-zmien l-attrici kienet tippresta servizzi simili lill-kumpanija Maltco Lotteries Limited u ghalhekk kienet infurmat lil din il-kumpanija bl-offerta li kienet saritilha mis-socjeta' konvenuta. L-attrici giet infurmata li ma setghetx taccetta l-offerta tas-socjeta' konvenuta u fl-istess waqt tibqa' fl-impjieg taghha ma' Maltco Lotteries Limited. Peress li l-offerta tas-socjeta' konvenuta kienet aktar vantagguza, permezz ta' ittra datata 3 ta' Mejju 2013 l-attrici irrizenjat mill-posizzjoni taghha ma' Maltco Lotteries Limited.[2]

iii. Fid-9 ta' Lulju 2013 il-partijiet dahlu fi ftehim li permezz tieghu l-attrici kellha tippresta servizzi lis-socjeta' konvenuta bhala prezentatrici u *voiceover*. F'dan il-ftehim il-partijiet qablu, *inter alia*, dwar ir-rati li ghab-bazi taghhom is-socjeta' konvenuta kellha thallas lill-attrici ghal dawn is-servizzi u kif ukoll dwar id-durata, ic-cirkustanzi u l-modalita' kif dan il-ftehim seta' jigi terminat. In oltre, bis-sahha ta' klawsola numru 3.2 is-socjeta' konvenuta iggarantit lill-attrici il-provista minima ta' kull wiehed mis-servizzi minnha prestati ghal darbtejn fil-gimgha.[3]

iv. Wara li gie ffirmat dan il-ftehim l-attrici kienet ippartecipat fi provi ta' dan il-programm, izda effettivament il-programm li fih kellha tipprezenta l-attrici baqa' ma beda qatt. L-attrici baqghet f'kuntatt ma' Timothy Bartolo Parnis li kien jinfurmaha li l-programm ma setghax jibda stante li l-kumpanija klijenta tas-socjeta' konvenuta kienet ghadha ma akkwistatx il-licenzja necessarja mill-Awtorita' relattiva.[4]

v. L-attrici xehdet li f'Marzu tas-sena 2014 kienet saret laqgha bejn il-partijiet u li f'din il-laqgha s-socjeta' konvenuta kienet ipproponiet li l-hlas dovut lill-attrici isir bin-nifs. L-attrici infurmat lir-rapprezentanti tas-socjeta' konvenuta li hi xtaqet tikkonsulta mal-avukat taghha qabel ma taccetta jew tirrifjuta tali offerta. Kompliet tghid li gurnata wara u cioe' fit-12 ta' Marzu 2014 kienet irceviet *email* minghand Suzanne Pisani, Kap

[1] Ara x-xhieda ta' Timothy Bartolo Parnis a fol. 40 tal-process.
[2] Ara x-xhieda tal-attrici a fol. 10 tal-process u l-ittra ta' rizenja a fol. 15 tal-process.
[3] Ara l-ftehim datat 9 ta' Lulju 2013 a fol. 16 tal-process.
[4] Ara xhieda tal-attrici a fol. 10 tal-process u x-xhieda ta' Timothy Bartolo Parnis a fol. 40 tal-process.

Ezekuttiv fi hdan is-socjeta' konvenuta, fejn giet infurmata li l-ftehim datat 9 ta' Lulju 2013 kien qieghed jigi terminat.[5]

vi. Fix-xhieda taghha Suzanne Pisani spjegat li r-raguni ghaliex il-programm li fih kellha tipprezenta l-attrici baqa' qatt ma beda kienet ghaliex il-kumpannija klijenta tas-socjeta' konvenuta naqset milli takkwista l-licenzja mill-Awtorita' dwar il-Lotteriji u l-Loghob. Spjegat li l-involviment tas-socjeta' konvenuta kien li taghmel dak ix-xoghol preparatorju sabiex dan il-programm seta' jsir, inkluz li ssib persuni sabiex jipprezentawh. Qalet li ghalhekk is-socjeta' konvenuta kienet ingaggat lill-attrici sabiex tipprovdi dan is-servizz.[6]

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

6. Permezz tal-proceduri odjerni, l-attrici qeghda titlob li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' disat elef tmien mija u sbatax-il Euro u sittin centezmu (€9,817.60), u dan ghab-bazi ta' ftehim data 9 ta' Lulju 2013 iffirmat bejn il-partijiet u li permezz tieghu is-socjeta' konvenuta intrabtet u ggarantiet lill-attrici il-provista ghal darbtejn fil-gimgha ta' kull wiehed mis-servizzi minnha prestati, u cioe' s-servizz ta' prezentatrici bir-rata ta' €50 fis-siegha u s-servizz ta' *voiceover* bir-rata ta' €30 fis-siegha. Dawn iz-zewg rati ma jinkludux it-taxxa fuq il-valur mizjud.

*L-Ewwel Eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta – prova tal-ezistenza tal-ftehim*

7. Permezz ta' din l-eccezzjoni s-socjeta' konvenuta eccepiet li l-attrici ghandha tipprova l-ezistenza tal-ftehim datat 9 ta Lulju 2013. Stante li fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha s-socjeta' konvenuta irtirat din l-eccezzjoni, din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

*Il-Mertu*

[5] Ara x-xhieda tal-attrici a fol. 10 tal-process u l-*email* datata 12 ta' Marzu 2014 a fol. 19 tal-process.
[6] Ara x-xhieda ta' Suzanne Pisani a fol. 27 tal-process.

8. It-tieni, t-tielet, ir-raba' u l-hames eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta ser jigu trattati u kkunsidrati flimkien billi lkoll jirrigwardaw il-mertu tal-vertenza.

9. Permezz ta' dawn l-eccezzjonijiet is-socjeta' konvenuta tecepixxi li t-talba attrici ghandha tigi michuda stante li l-attrici ma tat l-ebda servizzi lis-socjeta' konvenuta, li s-socjeta' konvenuta ma ntrabtitx li kellha thallas lill-attrici b'mod gratwit u li ghalhekk il-hlas tas-somma pretiza mill-attrici ikun jikkostitwixxi arrikkiment indebitu. Tecepixxi wkoll li hija kienet f'impossibilita' illi taqdi l-obbligi taghha a tenur tal-ftehim iffirmat bejn il-partijiet.

10. Il-Qorti tibda billi tosserva li l-kawza odjerna hija mibnija fuq ir-relazzjoni kuntrattwali tal-partijiet naxxenti minn ftehim iffirmat bejniethom fid-9 ta' Lulju 2013. Dak miftiehem u pattwit mill-partijiet f'dan il-ftehim jikkostitwixxi rabta vinkolanti bejniethom u minn hemm jirrizultaw it-termini tal-ftehim u l-konsegwenzi jekk xi parti tonqos milli tonora l-obbligi assunti minnha. Fi kliem iehor, dak il-ftehim jifforma n-negozju guridiku ta' bejn il-partijiet li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 992 tal-Kodici Civili ghandu sahha ta' ligi bejniethom. F'dan ir-rigward issir referenza wkoll ghall-Artikolu 993 tal-istess Kodici li jipprovdi li "*Il-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom, izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skont ix-xorta taghha, bl-ekwità, bl-uzu jew bil-ligi.*"

11. L-obbligazzjoni li l-attrici qeghda tfittex li tinfurza permezz ta' din il-kawza hija dik li s-socjeta' konvenuta ntrabtet biha fi klawsola numru 3.2 ta' dan il-ftehim li tghid hekk: "*Studio 7 is hereby agreeing that the Talent shall be guaranteed the provision of each Service a minimum of twice a week.*"

12. Fir-raba' eccezzjoni taghha is-socjeta' konvenuta mhux qed tikkontesta l-fatt li hija ma onoratx l-obbligi assunti minnha fil-ftehim, pero' ssostni li hija ma setghetx tonora l-obbligi taghha ghaliex kienet f'impossibilita' li taghmel dan. Mill-mod kif inhi redatta din l-eccezzjoni ma jistax jigi inferit jew desunt li s-socjeta' konvenuta issollevat il-linja difensiva tal-forza magguri u ghalhekk din il-Qorti mhux ser tqis l-elementi necessarji sabiex tirnexxi din id-difiza. Is-socjeta' konvenuta sempliciment illimitat ruhha li teccepixxi "*l-impossibilita' illi taqdi l-obbligi taghha*" biex tiggustifika l-inadempjenza kuntrattwali taghha.

13. Fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghha, is-socjeta’ konvenuta tispjega din l-eccezzjoni billi tghid li s-servizz tal-attrici ma kienx mehtieg ghaliex il-kumpanija klijenta taghha Yggdrasil Gaming Limited kellha biss licenzja ta’ Klassi 4 mahruga mill-Awtorita’ dwar il-Lotteriji u l-Loghob, mentri sabiex torganizza l-loghba li kellha tipprezenta l-attrici kienet tehtieg licenzja ta’ Klassi 1. Fl-ewwel lok il-Qorti tosserva li din is-sottomissjoni ma hijiex ibbazata fuq il-provi prodotti ghaliex mix-xhieda tar-rapprezentant tal-Awtorita’ jirrizulta biss li l-kumpanija Yggdrasil Gaming Limited kellha licenzja Klassi 4 u mhux li din il-kumpanija kienet tehtieg ukoll il-licenzja Klassi 1 sabiex topera l-loghba in kwistjoni.

14. Fit-tieni lok u fi kwalunkwe kaz, ghal fini ta’ din il-kawza l-unika relazzjoni kuntrattwali li hija rilevanti hija dik konkluza bejn l-attrici u s-socjeta’ konvenuta. Ir-relazzjoni tas-socjeta’ konvenuta mal-kumpanija klijenta taghha, li hija terz ghal din il-kawza, hija *res inter alios acta* li bl-ebda mod ma jbiddel l-obbligi tas-socjeta’ konvenuta kif jirrizultaw mit-termini tal-ftehim iffirmat bejn il-partijiet. Jekk is-socjeta’ konvenuta ma kinitx certa li setghet tiggarantixxi lill-attrici l-fornitura tas-servizzi kif intrabtet li taghmel, hija kellha tinforma b’dan lill-attrici, tahseb ghal din l-eventwalita’ fit-termini tal-ftehim u taccerta ruhha li ma tintrabatax bil-garanzija kontemplata fi klawsola 3.2 tal-ftehim.

15. Fil-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti, il-klawsola numru 3.2 tal-ftehim hija wahda cara u kienet tiggarantixxi lill-attrici il-fornitura ta’ kull servizz mill-inqas darbtejn fil-gimgha. Klawsola numru 1 tal-istess ftehim tiddefinixxi dawn is-sevizzi bhala jinkludu s-servizz ta’ prezentratrici u dak ta’ *voiceover*. Ir-rati ghal kull wiehed minn dawn is-servizzi jirrizultaw mill-klawsola numru 3.1 li tistabilixxi r-rata ta’ €50 fis-siegha ghas-servizz ta’ prezentatrici u r-rata ta’ €30 fis-siegha ghas-servizz ta’ *voiceover*. Dawn ir-rati ma jinkludux it-taxxa fuq il-valur mizjud. La fil-klawsola numru 3.2 u lanqas fit-termini l-ohra tal-kuntratt ma tirrizulta xi riserva favur is-socjeta’ konvenuta fl-eventwalita’ li s-servizz mehtieg mill-attrici ma jkunx jista’ jigi provdut ghal xi raguni indipendenti mill-volonta’ tas-socjeta’ konvenuta.

16. F’dan ir-rigward il-Qorti tqis li hija verosimili u kondivizibbli x-xhieda tal-attrici li spjegat illi *“… … (Q)abel ma ffirmajt il-kuntratt kellimt lil persuna li kienet il-contact person, Timothy Bartolo Parnis. Infurmajtu li ovvjament ha nitlaq minn mal-Maltco u kont ghidtlu, ghidtlu “nixtieq garanzija fil-kuntratt li jiena ha nkun qed nahdem”. Ghalhekk hu qalli*

*"definittivament ha nghamluha". Kif rajt li kien hemm dik il-garanzija miktuba li jiena ha jkolli xoghol, jiena ffirmajt il-kuntratt fid-9 ta' Lulju … …"*[7] Ghalhekk il-Qorti tqis li l-prezenza ta' din il-klawsola fil-ftehim kienet determinanti sabiex tikkonvinci lill-attrici tirrizenja mill-posizzjoni taghha fil-kumpanija Maltco Lotteries Limited u minflok taghzel li tidhol fil-ftehim mas-socjeta' konvenuta.

17. Finalment, permezz tal-hames eccezzjoni taghha is-socjeta' konvenuta tecepixxi li l-hlas tas-somma pretiza mill-attrici ikun jikkostitwixxi arrikkiment indebitu stante li l-attrici ma forniet ebda servizz lis-socjeta' konvenuta. F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva li l-principju kardinali fid-determinazzjoni tat-talba attrici huwa li s-socjeta' konvenuta ghandha taghmel tajjeb ghall-inadempiment kuntrattwali taghha. Il-principju tal-arrikiment indebitu ma jidhol xejn f'dawn il-kunsiderazzjonijiet, kemm ghaliex fl-ordinament guridiku taghna l-arrikiment indebitu jinkludi n-nuqqas ta' kawza gusta li mhijiex applikabbli ghal kaz odjern, u kif ukoll ghaliex kwalunkwe somma li s-socjeta' konvenuta ser tigi kkundannata thallas lill-attrici hija bbazata fuq id-disposizzjonijiet tal-Kodici Civili li jipprovdu li d-debitur ta' obbligazzjoni ghandu jaghmel tajjeb ghan-nuqqas fl-ezekuzzjoni ta' dik l-obbligazzjoni. F'dan ir-rigward l-Artikolu 1133 tal-Kodici Civili jippreskrivi illi:

> ***1133.*** *Id-debitur, ukoll jekk ma jkunx mexa b'mala fidi, jigi kkundannat ghad-danni, jekk ikun hemm lok, sew minhabba li jkun naqas ghall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni kemm ukoll minhabba d-dewmien fl-esekuzzjoni taghha, kemm-il darba hu ma jippruvax illi n-nuqqas tal-esekuzzjoni jew id-dewmien sar minhabba xi haga barranija li taghha huwa ma kienx htija.*

18. Ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-ammont pretiz mill-attrici, il-Qorti hija tal-fehema li dan huwa gustifikat tenut kont tal-fatt li huwa mahdum ghab-bazi tar-rati stabbiliti fi klawsola numru 3.1 tal-ftehim fuq medda ta' sena.[8] Ghab-bazi tal-klawsola numru 5.1 il-ftehim *de quo* kellu durata ta' tnax-il xahar li bdew jiddekorru mid-data tal-ftehim. Din il-klawsola

---

[7] Ara fol. 11 tal-process.

[8] €50 (prezentatrici) + €30 (*voiceover*) = €80 x 2 (darbtejn fil-gimgha) = €160 + VAT = €188.80 x 52 gimgha (tnax-il xahar) = €9,817.60

kienet tistipola ukoll il-possibilita' li l-ftehim jigi terminat mis-socjeta' konvenuta jekk ikun hemm ksur tal-istess ftehim da parti tal-attrici. Ma jirrizultax, u *del resto* lanqas qieghed jigi allegat, li l-attrici kisret it-termini tal-ftehim u ghalhekk l-*email* datata 12 ta' Marzu 2014 li permezz taghha l-attrici giet infurmata li l-ftehim kien qieghed jigi terminat ma ghandha ebda effett fuq il-perjodu ta' tnax-il xahar stipulat fil-ftehim. Ghal fini ta' kompletezza, jigi rilevat li jekk xejn din l-*email* kellha l-effett tal-avviz mahsub fil-klawsola numru 6, liema avviz iwaqqaf it-tigdid awtomatiku tal-ftehim ghal perjodu ulterjuri ta' tnax-il xahar.

19. Ghaldaqtsant t-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-hames eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta ser jigu michuda.

**Konkluzjoni**

20. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghdha:

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta;
2. Tichad l-eccezzjonijiet rimanenti tas-socjeta' konvenuta;
3. Konsegwentement tilqa' t-talba tal-attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attrici is-somma ta' disat elef tmien mija u sbatax-il Euro u sittin centezmu (€9,817.60), bl-imghax legali mill-24 ta' Lulju 2014 data tal-prezentata tar-rikors promotur ta' dawn il-proceduri sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjez kollha in konnessjoni ma' dawn il-proceduri, inkluzi dawk tal-ittra legali tal-15 ta' April 2014, ghandhom jigu subiti mis-socjeta' konvenuta.

**Doreen Pickard**

**Magistrat** **Deputat Registratur**